IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru47 (sebgha u erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Erbgħa 13 ta' April, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo<br>Raymond Camilleri<br>Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija:**<br>Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**47.1. Item Nru 47.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

47.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.13pm u s-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li s-Sa. Rosabelle Pulis talbet li tiġi skużata minħabba impenji oħra. Kulħadd qabel.

47.1.2 Is-Sinjura Mary Doris Borg riedet tagħmel dikjarazzjoni qabel inkomplu bl-agenda u s-Sindku ta l-permess.

Is-Sa. Borg iddikjarat li hi mil-lum -il quddiem hija Kunsillier Indipendenti u ma tappartjeni mal-ebda Partit politiku. Hi kompliet u qalet li għaliha fejn tidħol id-dinjita ma jidħol xejn aktar.

**47.2. Item Nru. 47.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1470 – Malta
Tel: 21694739
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-Minuti ġew moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**47.3 Item Nru. 47.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 Is-Sindku qal li kif jidher sew fil-minuti tal-laqgħa numru 46 il-fondi tal-Water Services Corporation irċevejnihom u ser jitqassmu bil-mod kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti.

47.3.2 Is-Sindku qal tkellem fuq il-proġett tal-bandli u qal li ltaqa mal-Perit u mal-Planning Authority sabiex naraw jekk il-proġett huwiex eleġibbli għal Development Funds. Dawn tal-aħħar ikkonfermawlna pero għandna bżonn inkellmu lill-MCCAA u CRPD sabiex ikollna l-approvazzjoni tagħhom ukoll. F'dan il-punt, sabiex niggwadanjaw iż-żmien nistgħu nibdew naħdmu fuq il-pubblikazzjoni tat-tender.

47.3.3. Is-Sur Attard qal li dwar il-hall ta' taħt il-bandli huwa tkellem mas-Sur Mario Fava u dan qallu li jkollna bżonn noħorġu Concession li jkun hemm il-kundizzjonijiet u li l-kirja ser tkun biss għal sentejn.

47.3.4 Is-Sindku qal li proposta li ssir attivita ta' sport minn *The Pit* u ser ikollhom bżonn li jużaw il-Ground Slab bejn id-29 t' April u l-1 ta' Mejju. Dan ser ikun avveniment li fih il-Kunsill ser ikun b'kollaborazzjoni pero mhux ser noħorġu spejjeż kbar apparti l-użu tas-sit u dawl u livellar b'torba l-parti ta' isfel. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita.

47.3.5 Is-Sindku qal li ġej sajf ieħor u ta' min inkellmu lil Public Works sabiex naraw meta ser isir ix-xogħol tar-railing. Dan hemm minnu perikoluż u kompla jissaddad u jittiekel.

**47.4 Item Nru 47.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

47.4.1 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa dwar il-lampa li nkisret bil-maltemp quddiemu max-xatt meta ser tigi rrangata. Is-Segretarju qallu li r-rapport sar mal-public works pero għadna bla risposta.

**47.5 Item Nru. 47.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

47.5.1 Ma kienx hemm rapporti ppreżentati.

**47.6 Item Nru. 47.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

47.6.1 L-items l-oħra ġew mitkellma aktar il-quddiem.

IX-XGĦAJRA

**47.7 Item Nru. 47.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

47.7.1 Pagamenti b'numru 111 ġew approvati unanimament.

**47.8 Item Nru. 47.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

47.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**47.9 Item Nru. 47.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

47.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju, 2022

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |